**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TLIETA U TLETIN**

**21 ta' FRAR, 2017**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresieda l-laqgħa.

**33.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

33.1.1 Ġie nnutat li fuq punt 32.2.2 ix-xogħol fi Triq Fra Ganmarie Zammit – il-bankijiet twaħħlu, saru il-marki tat-toroq u twaħħal bin tal-klieb. Intbagħtu talbiet għall-kwotazzjoni ta' siġar fuq parir tal-contract's manager, imma s'issa għadu ħadd ma ta stima. Il-perit ta' Transport Malta informa li ser isir boundary wall tal-ġebel madwar il-*play area.*

33.1.2 Ġew approvati l-minuti tal-wieħed u tletin is-seduta ta' din il-leġislatura.

***33.2*** ***Suġġerimenti u lmenti***

33.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab lill-Kumitat Amministrattiv jekk għadux jaqbel mal-istemma li kien issottometta fis-sena 2012.
Kien hemm qbil li d-Dipartiment jiġi nfurmat li l-Kumitat Amministrattiv għadu bl-istess fehema bħal ma kellu fis-sena 2012.

33.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-Kumitat Amministrattiv li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ sejħiet għal għoti ta' fondi biex jerġgħu jsiru attivitajiet kulturali fir-raħal. Kull ma inataw żmien kien ta' ġimgħa. Għalhekk ġew avviċinati ż-żewġ għaqdiet tar-raħal u dawn taw suġġerimenti għall-attivitajiet kulturali hekk kif ġej:
Soċjeta' Mużikali Santa Katarina – Tieġ Tradizzjonali Malti (dati tentattivi 20/5/2017 jew 6/5/2017)
Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria – Snajja, Artigjanat u floklor fiż-Żurrieq ( dati tentattivi 27/5/2017 jew 10/6/2017)

Il-Kumitat Amministrattiv bagħat l-applikazzjonijiet għaż-żewġ attivitajiet biex ikunu evalwati mid-Dipartiment.

33.2.2 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri rringrazzjat lill-Kumitat Amministrattiv kollu talli attenda għall-funeral ta' ommha.

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri infurmat li t-trinka li għamlet l-Enemalta fi Triq ir-Rettur diġa niżlet, bil-konsegwenza li saret ħofra. Kien hemm qbil li jsir rapport fuq il-każ.

33.2.3 Il-membru Kevin Sam Farrugia staqsa fuq il-barrier li kellha titwaħħal fi Triq ir-Rettur. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kuntrattur ser iwaħħalha ġimgħa oħra.
.

33.2.4 Il-membru Joseph D'Amato reġa ssuġġerixxa biex issir bit-tarmak Triq Gio Batta Riccio. Kien hemm qbil li hekk kif il-Kumitat ikollu l-istima f'idejh jista jibda l-proċess.

***33.3 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

33.3.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 21ta' Marzu, 2017 fil-17:30.

Konfermati, illum 22 ta' Marzu, 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |